# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 4 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 17/01**

**Numru 34**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Joseph Bonello u Maria Consiglo Bonello in solidum**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija tmienja u sittin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm468.80) import ta' kambjali mill-konvenuti iffirmati u accettati kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi mal-avviz u mmarkati Dok "1" sa "7", liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li l-konvenuti gew nterpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tat-23 ta' Mejju 2001 li biha s-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-23 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu “in solidum” l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali minghajr data imsemmijin fl-avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg